MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 2/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**James Demanuele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra James Demanuele talli :

1. F’ Wied il-Ghajn nhar il-11 ta’ Awissu, 1999, ghall-habta tal-5.00 p.m. permezz ta’ strument bil-ponta, li jniggez u li jaqta’ kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ Helena Felice, liema offiza giet maghmula b’ ferita li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem skond kif gie ccertifikat minn diversi tobba ta’ l-isptar San Luqa;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, u cioe` Helena Felice, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta', li jniggez u bil-ponta;

3. Fl-istess data, hin, cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer zamm u garr strument li jaqa' bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Josephine Fenech skond kif iccertifika it-tabib M Grech MD, mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi verbalment hedded lil Helena Felice kif ukoll lil Josephine Felice;

6. Fl-ahharnett jinsab recidiv b' diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi bid-dati 29.7.94 Awla 8, 7.11.97 Awla 13, 23.3.98 Awla 13, 9.4.99 Qorti tal-Appell, 24.6.99 Qorti tal-Appell;

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li f'kaz ta' kundanna ghandha, meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati ghall-hlas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u f' dak l-ammont bhalma jkun stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni u dan ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi James Demanuele hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu salv dik li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Helena Felice u lliberatu minnha, izda minflok sabitu hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Helena Felice u kkundannatu ghal erbatax-il xahar prigunerija kif ukoll ordnat il-konfiska tas-sikkina esebita izda cahdet it-talba biex l-appellant (allura imputat) jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ James Demanuele pprezentat fid-19 ta’ Jannar 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni b'dan pero` li l-ferita kienet wahda hafifa, tar-raba' , tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet, tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat illi l-ghemil ta' l-appellant in kwantu jirrigwarda l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet mhux skuzabbli fit-termini ta' l-artikolu 227(c) tal-Kap. 9 u konsegwentement tilqa' din id-difiza, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minnhom, u tirrirriformaha f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi in kwantu applikat il-*proviso* ta' l-artikolu 227(c) tal-Kap. 9. Ighid li filwaqt li l-Ewwel Qorti gustament applikat dan il-*proviso* kif kien jaqra qabel l-emenda introdotta bl-Att numru III tal-2002, hija haditu in konsiderazzjoni meta giet biex tiddeciedi dwar jekk l-appellant kienx qieghed jagixxi fit-termini ta' l-artikolu 227(c) mentri dan ma kienx il-kaz peress li l-linja difensjonali kienet li l-appellant kien qieghed isofri minn stat ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja bhala konsegwenza ta' xi haga interna u mhux bhala rizultat ta' xi provokazzjoni esterna.

Bhalma osserva korrettement id-difensur ta' l-appellant, il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 tal-Kap. 9 gie emendat bl-Att numru III tas-sena 2002[1]. Qabel din l-emenda, u allura

[1] Permezz ta' l-artikolu 41 ta' l-Att III tal-2002, il-*proviso* gie emendat billi (a) minflok il-kliem "jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, illi fil-fatt l-omicidju" ghandhom jidhlu l-kliem "jihntieg illi fil-fatt l-omicidju"; u (b) fit-test Malti biss, minflok il-kliem "illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi" ghandhom jidhlu l-kliem "illi r-raguni kienet tali illi".

kif applikabbli ghall-kaz odjern li sehh fl-1999, is-sinifikat ta' dan il-paragrafu kien kif deskritt fil-kawza citata mill-appellant **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martina Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (kolleggjali) fl-14 ta' Jannar 1986 fejn intqal:

**"Minn ezami ta' l-imsemmi artikolu 241(c), u fuq l-iskorta ta' dak li gie premess, ghalhekk, jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-eghmil taghha imhabba li tkun <u>taht l-influwenza immedjata</u> (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol tkun taht l-influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali;**

**Dan l-istat mentali ta' l-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju…."**

Dik l-istess sentenza mbaghad tkompli tghid:

**"Kif diga` rilevat, biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha. U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna (f'paragrafu separat taht l-inciz (c) ta' l-imsemmi artikolu 241) li <u>fil-kazijiet ta' provokazzjoni</u>, cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar imhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb**

**maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."**

Galadarba d-difiza stess kienet qed tiskarta l-iskuzanti li l-appellant agixxa taht influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh minhabba provokazzjoni, l-ewwel Qorti strettament setghet fil-fatt ma ttrattatx dak l-aspett. Ghalhekk din il-Qorti se tezamina il-kwistjoni kif prospettata mid-difiza cioe` li l-istat ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja kien konsegwenza ta' xi haga interna u mhux ir-rizultat ta' provokazzjoni esterna.

Fir-rikors ta' appell tieghu fil-fatt l-appellant jissottometti li kien izjed pertinenti li fl-ghemil ta' l-appellant wiehed jara jekk, imqar sal-grad tal-probabbli, kienx jirrizulta li huwa agixxa waqt illi kien taht l-influwenza immedjata jew ta' passjoni istantaneja jew ta' agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-ghemil tieghu. F'dan il-kuntest ghalhekk irrefera ghall-istqarrija tieghu, ghad-deposizzjoni tieghu kif ukoll ghax-xiehda ta' Peter Paul Delia.

Ghalkemm l-appellant jirreferi ghax-xiehda ta' Peter Paul Delia, dan ix-xhud ma tantx jitfa' dawl fuq l-istat intern ta' l-appellant. Dan ix-xhud jghid semplicement li kien qieghed il-klabb tal-bocci, sema' ghajjat u meta hareg ra lill-appellant jaghti daqqiet ta' ponn fuq zaqq Helena Felice u fuq koxxitha u filwaqt li din Helena Felice ntefghet ma' l-art, l-appellant telaq jigri. Fi kwalunkwe kollutazzjoni jkun hemm ghajjat, u jekk xejn iktar ix-xiehda ta' Peter Paul Delia tikkonferma li l-appellant kien qieghed jaggredixxi lil Helena Felice. Hija wkoll haga normali li aggressur jitlaq minn fuq il-post minhabba l-ghajjat u n-nies li jibdew jingabru. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-istqarrija u d-deposizzjoni ta' l-appellant.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant jispjega li hu u Helena Felice kienu jiffrekwentaw lil xulxin u mir-relazzjoni

taghhom twieldet tifla. Ghalkemm ma baqghux flimkien, kien hemm digriet tas-Sekond'Awla li kien jawtorizzah jara lit-tifla kull nhar ta' Tnejn f'Santa Venera fic-Centru Hidma Socjali ghal siegha. Pero` kien lehaq ftehim ma' Helena biex jara lit-tifla wkoll mit-Tlieta sal-Gimgha bejn is-7.00 p.m. u t-8.00 p.m. Dakinhar ta' l-incident in kwistjoni kien cempel id-dar ta' Helena Felice diversi drabi biex jghidilha li ried jibda familja flimkien maghha u li ried jara lit-tifla. Fl-ahhar telefonata qaltlu li mhux talli ma kinitx ser thallieh jara lit-tifla talli t-tifla ma kinitx minn tieghu. Jghid li dan id-diskors weggghu hafna. Wara ftit cempel xi pulizija biex isaqsieh kienx qieghed jhedded lil Helena Felice bit-telefon u huwa qallu li ma hedded lil hadd u li kull ma kien qieghed jipprova jaghmel kien li jghaqqad familja. Rega' cempel lil Helena Felice u din regghet qaltlu l-istess diskors. Imbaghad ighid:

"Jien tant kemm iddispjacini li qbadt nibki mort fil-kexxun tal-kcina u qbadt sikkina minn hemm u din gezwirtha go maktur. Ommi dak il-hin staqsietni fejn sejjer u jien ghidtilha li kont sejjer sa barra. Mort u stennejt tal-linja u peress li din damet ma giet jien beda jghaddili naqra. Insomma giet tal-linja bin-numru 19 ghal Wied il-Ghajn u mort Wied il-Ghajn b'tal-linja. Jien irkibt minn Zabbar Road. Wasalt hemm u kif tal-linja waslet quddiem il-bank cempilt il-qanpiena u f'dak il-hin rajt lil ommha u lil Helena bit-tifla mixjin lejn il-bahar …. Jien mort normali fuqhom u x'hin ratni ommha qaltli: 'Hallina bil-kwiet'. Sa dak il-hin jien kien ghaddieli kollox u lil ommha jien ghidtilha: 'Guza inti tindahalx ghax jien mat-tifla ghandi x'naqsam u mhux mieghek. Jien nixtieq nghaqqad familja'. Giet ommha u hatfitni minn spalti u mill-flok, u dak il-hin x'hin rat hekk helen bdiet tghidli kemm jien kiesah u jien kull ma tlabt huwa biex nara t-tifla. Helen qaltli: 'Tara xejn dik mhix tieghek'. Jien rega' ddispjacini hafna u nhraqt. Kelli sikkina li hrigt mill-maktur u bdejt tajtha biha. Jien l-anqas naf fejn ilqatta ghax Helen waqghet ma' l-art. Imbaghad bdejt nghidilha x'garalek u tlaqt nigri."

L-appellant ikompli jghid fl-istqarrija tieghu li mar wara l-knisja, rema' s-sikkina u qaghad hemm jibki. Peress li kien hemm xi nies jghajtu beza' u talab lil xi hadd biex iwasslu

l-ghassa. Fuq mistoqsija ta' l-Ispettur investigattiv, l-appellant qal li wara li kien cempel lil Helen l-ewwel darba kien xorob flixkun inbid tal-Master. Imbaghad saru dawn il-mistoqsijiet:

"D: X'kienet ir-raguni li int garrejt sikkina?
R: Jien gibt is-sikkina mill-kexxun ghax kont irrabjat pero` bhal ma diga` ghidt sakemm wasalt kien ghaddieli ftit ghax kont ikkalmajt.
D: Allura nghidu sew li kont taf x'ser taghmel minn qabel ma attwalment ghamilt dak li ghamilt u cioe` li int mort hemm armat bis-sikkina?
R: Jien hadt is-sikkina waqt rabja li kelli u ma kontx cert li ser naghmel dak li ghamilt pero` imbaghad ghamilt dak li ghamilt ghax Helen regghet qaltli dak il-kliem li t-tifla mhux tieghi.
….
D: Allura jekk stess ghas-sahha tal-argument veru li qaltlek hekk, int kellek tmur u ssawwat lil Helen u anke mort b'sikkina u tajtha diversi daqqiet?
R: Jien Sir x'hin mort hemm intlift. Jien sakemm mort hemm lehaq ghaddhieli pero` kif smajt dak id-diskors ergajt intlift.
D: Imma int mid-dar mort bl-iskop li taghtiha daqqa bis-sikkina mhux hekk?
R: Waqt rabja iva meta kont id-dar pero` sakemm wasalt hemm ergajt ikkalmajt. Jien zbaljajt."

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti fis-16 ta' Settembru 2003, filwaqt li rega' tenna x-xewqa tieghu li jirrikoncilja ma' Helena Felice, qal hekk:

"Nixtieq nghid li dak li ghamilt jiena ghamiltu waqt li kont taht l-effett tal-alkohol".

Helena Felice cahdet li qatt qalet lill-appellant li t-tifla ma kinitx tieghu. U ommha Josephine Felice wkoll cahdet kategorikament li qatt semghet lil bintha tghid xi kliem f'dak is-sens lill-appellant.

Qalet x'qalet Helena Felice lill-appellant, huwa ovvju li t-telefonati ripetuti li l-appellant kien qieghed jaghmel lil

Helena Felice fil-gurnata in kwistjoni kellhom l-effett li jirrabjaw lill-appellant tant li qabad sikkina u nizel Wied il-Ghajn biha. Hemm, wara li ghal darb'ohra qal li ried jara lit-tifla u ghal darb'ohra Helena Felice rrifjutat, qabad jaghti lil Helena bis-sikkina. Jigifieri hawn ghandna sitwazzjoni fejn l-appellant kien diga` wera element ta' premeditazzjoni u li huwa difficilment rikonciljabbli ma' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja, aktar u aktar meta l-appellant stess ighid li sakemm wasal Wied il-Ghajn kien ghaddhielu, kien ikkalma. Jekk verament kien ikkalma ma setax jintilef b'tali mod li ma kienx kapaci jirrejalizza l-konsegwenzi ta' ghemilu. U min ikun verament irid jirrikoncilja ruhu ma' persuna li suppost ihobb ma jmurx armat u jaggrediha bil-mod kif l-appellant aggredixxa lil Helena Felice. Kwantu ghal dak li stqarr fix-xiehda tieghu li dak li ghamel ghamlu taht l-effett ta' l-alkohol, m'hemm l-ebda evidenza li kien fis-sakra u fi kwalunkwe kaz si-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali[2] u s-sitwazzjonijiet fejn jista' jingieb bhala eccezzjoni ma jissussistux fil-kaz in ezami.

Ghalhekk l-iskuzanti taht l-artikolu 227(c) tal-Kap. 9 hi michuda.

Aggravju iehor ta' l-appellant hu fis-sens li huwa ma setax jinstab hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet stante li mill-atti processwali ma jirrizulta ebda ksur ta' l-artikoli 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 65, artikoli li l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jindika bhala uhud mid-disposizzjonijiet tal-ligi li a bazi taghhom tista' tinstab htija.

Kif tajjeb osserva l-appellant, fir-rinviju a gudizzju ( a fol. 141) l-Avukat Generali ccita l-artikoli msemmija "tal-Kap. 65". Daqstant iehor huwa evidenti pero` li dan ma huwa xejn hlief kaz ta' *lapsus calami* peress li uhud mill-imputazzjonijiet jirreferu proprjament ghall-Kapitolu 66. Ghalhekk filwaqt li din il-Qorti tibqa' tinsisti li kull att ghandu jigi redatt skrupolozament sabiex jigu evitati zbalji ta' dan il-generu, peress li l-appellant kien jaf sew dwar x'hiex kien qieghed jigi akkuzat u ma seta' sofra l-ebda

[2] Ara artikolu 34 tal-Kap. 9.

pregudizzju u peress li dan kien kaz ta' zball tipografiku, dan l-aggravju huwa michud.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti meta giet biex taghti l-piena naqset milli tapplika dak dispost fl-artikolu 22 tal-Kap. 9 kif emendat bl-Att numru III ta' l-2002 li dahal fis-sehh bis-sahha ta' l-A.L. 273/2003.

Dan l-artikolu llum jipprovdi hekk:

**"Hlief fil-kaz ta' kundanna ta' prigunerija ghall-ghomor jew ta' prigunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-hlas ta' multa jew ammenda, kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat, li ma jkunx zmien maghmul fil-habs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu; izda jekk l-ikkundannat qabel kien suggett ghal ordni ta' *probation*, ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni jew ghal sentenza sospiza dwar dak ir-reat jew reati, kull zmien bhal dak qabel l-ghemil ta' dak l-ordni jew l-ghoti tas-sentenza sospiza m'ghandux jitqies ghall-finijiet ta' dan l-artikolu:**

**Izda meta xi zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija kif imsemmi qabel ikun, bis-sahha ta' dan l-artikolu, gie meqjus bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' htija, dak iz-zmien ma ghandux jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht xi kundanna ohra."**

Dan ifisser li llum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara <u>hi</u> jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat. Izda skond l-artikolu 168 ta' l-imsemmi Att III

ta' l-2002, li huwa artikolu tranzitorju, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dak l-Att *"ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull sentenza li tinghata qabel id-data relevanti dwar kull persuna jew li tinghata fid-data relevanti jew warajha dwar persuna li fid-data relevanti tkun fil-habs tistenna biex tigi processata ghar-reat jew reati li dwarhom tkun is-sentenza u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 … ta' dan l-Att ma jkollhom ebda effett fuq sentenza bhal dik"*. Fil-kaz odjern ma jidhirx li "fid-data relevanti" l-appellant kien fil-habs jistenna biex jigi processat ghar-reati hawn in kwistjoni u ghalhekk jekk dan huwa l-kaz ikun applikabbli dak provdut fl-artikolu 22 kif sostitwit bl-imsemmi Att III tas-sena 2002. Ghalhekk m'hemmx lok li din il-Qorti tordna hi t-tnaqqis taz-zmien li l-appellant kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------